**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 5 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Saviour Baldacchino**

**Vs**

**Donna Debono**

**Joseph Mallia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Donna Debono ta' 29 sena, bint Joseph u Emanuel xebba Sammut, mwielda Peita' nhar 28 t'Awwissu 1987 u residenti gewwa 83, Triq San Enriku, Sliema, detentrici tal-karta tal-identita' numru 400487M;

u

Joseph Mallia ta' 64 sena, bin Peter u Carmela xebba Debono, mwieled gewwa Hamrun nhar l-4 ta' Jannar 1953 u residenti gewwa Blk K, Flat 4, Bini tal-Gvern, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' numru 70653M;

Lil Donna Debono wahedha:

Talli f'xi zmien matul is-sena 2016 u/jew 2017 minn gewwa Hamrun:

1) Ikkommettiet serq deheb u flus kontanti b'valur ta' iktar minn €25,000 u ta' oggetti ohra ghad-detriment ta' Marisa Cauchi u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat kemm bil-'valur', li hu izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bilpersuna;

U lit-tnejn flimkien talli fl-istess cirkustanzi:

2) Iffalsifikaw dokumenti illi meta jigu pprezentati, wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b'xi att pubbliku tal-Gvern skond Art. 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Approprjat rwiehhom billi dawwru bi profitt ghalikom jew ghal persuna ohra, minn affarijiet ta' haddiehor u cioe' deheb u flus kontanti li kienu jappartjenu lil Marisa Cauchi u jew persuni ohra u li gew vdati jew ikkunsinjati lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd lura tal-istess oggetti jew li jsiru uzu specifikat;

4) Xjentement ghamlu uzu mid-dokumenti msemmija l-Art. 167 tal-Kap 9 skond l-Art. 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Iffalsifikaw sigilli, timbri jew marki li qieghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertfikaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk propjeta pubblika jew privata, jew li jkunu qieghdin taht il-garanzija pubblika skond Art. 172(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Xjentement ghamlu uzu mid-dokumenti msemmija l-Art. 172(1) tal-Kap 9 skond Art. 172(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Kienu fil-pussess ta' jew kellkom fil-kontroll taghhom xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-5 t'April 2018, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghatghu z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tittratta mal-imputati b'mod sommarju;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum stess, fejn ir-res furtiva giet ritornata seduta stante lid-derubata, u l-parti leza ddikjarat li ma kellha ebda pretensjoni ohra kontra l-imputati;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 167, 169, 172(1) u 172(2), 261, 267, 268, 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tqieghdhom taht ordni ta' probation ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**